MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 907/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Radwan Hijazi**
Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Radwan Hijazi**, ta’ dsatax (19) il-sena, bin Radwan sive Rdowan u Moira neé Cassar, imwieled Pieta fit-28 ta’ Gunju 1993, residenti ‘Sun Blossom’, Flat 4, Triq Angelo Melilli, Zebbug u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-Numru 288793M, akkuzat talli nhar il-21 ta’ Gunju 2012, ghall-habta tas-0215hrs gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan,

1. ikkommetta serq ta’ *mobile phone* ta’ l-ghamla I Phone 4S liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin ghad-detriment ta’ Christian Brinch-Iversen;

2. b’hekk ghamel reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, liema sentenza inghatat lilu nhar l-1 ta’ Frar 2012 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D.;

3. B’hekk rrenda ruhu recidiv b’sentenza li nghatat lilu nhar l-1 ta’ Frar 2012 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciza bi procedura sommarja (Dok. “JG 11”), u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nfilitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: <u>fuq naha wahda</u>, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat (b’mod specjali t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu) u, <u>fuq in-naha l-ohra</u>, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f’dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B, 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u filwaqt li,

fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ tnax (12) il-xahar xahar, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-piena ta’ prigunerija ta’ tmintax (18) il-xahar sospiza ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta’ sentenza fl-ismijiet ‘Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri vs. Radwan Hijazi et) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-1 ta’ Frar 2012, tigi reza operattiva sabiex b’hekk l-imputat ghandu jaghmel perjodu globali ta’ tletin (30) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------